- ***KOLLIZJONI –***
- ***RES IPSA LOQUITUR –***
- ***SKID –***
- ***DIZABBILITA' PERMANENTI –***
- ***MULTIPLIER -***
- ***LUMP SUM PAYMENT -***

# IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 29 ta' Novembru 2001**

**Kawza Numru: 19**
**Citazzjoni Numru: 915/96/RCP**

**Darren Sammut**

**vs**

**Eric Zammit**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi fis-7 ta’ Dicembru, 1994 ghall-hahta tas-1p.m. fil-kosta ta’ Bahar ic-Caghaq, limiti tal-Gharghur, l-attur li kien riekeb fil-vettura S-8641 misjuqa mill-konvenut, kien involut f’incident awtomobilistiku.

Illi mill-istess incident l-attur sofra danni rizultanti minn lezjonijiet personali ta’ natura gravi u permanenti kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Illi l-incident awtomobilistiku lmentat sehh b’tort unikament tal-konvenut stante li b’imperizja, b’imprudenza, bi traskuragni u b’nuqqas tat-tharis tar-regolamenti tat-traffiku huwa baqa’ diehel b’velocita’ qawwija f’arblu tad-dawl bir-rizultat li l-attur, li kien riekeb fuq quddiem, wegga gravament u sofra debilita` permanenti f’sahtu.

Illi ghalkemm l-attur sejjah lill-konvenut sabiex ihallsu tad-danni kollha li huwa sofra, il-konvennt baqa’ inadempjenti.

L-istess attur talab li ghalhekk il-konvenut jghid ghaliex din l-Onor Qorti m’ghandix:

1. tiddikjara lill-konvenut responsabbli ghall-incident awtomobilistiku li sehh fis-7 ta’ Dicembru, 1994 ghall-habta tas-1p.m. fil-kosta ta’ Bahar ic-Caghaq, limiti tal-Gharghur;

2. tiddikjara illi b'rizultat tal-istess incident l-attur sofra danni rizultanti minn lezjonijiet personali ta' natura gravi u permanenti;

3. tillikwida d-danni kollha soferti mill-attur anke permezz ta' periti nominati ghal dan l-iskop; u

4. tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attur id-danni kollha hekk likwidati.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficcjali tat-2 ta' Frar, 1996 kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt sabiex jidher ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici u l-lista tax-xhieda a fol 4 u 5 tal-process;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut a fol 9 tal-process fejn gie eccepit:

(1) Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-attur billi l-incident in kwistjoni ma sarx b'tort tal-eccipjenti minhabba traskuragini, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-istess konvenut izda minhabba cirkostanzi ghal kollox indipendenti mill-konvenut hekk kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

(2) Illi inoltre id-danni pretizi mill-attur huma esagerati u ma jirriflettux l-ammont ta'danni reali li fil-fatt sofra l-attur f'dan l-incident in kwistjoni.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenut a fol 10 u 11 tal-process.

Rat il-verbali tat-3 ta' Dicembru 1996, tal-10 ta' Marzu 1997 fejn xehed bil-gurament Dr Richard Soler u Dr Ellul prezenta nota b'zewg dokumenti, xehed PS1483 Carmelo Calleja u l-Qorti nnominat lill-Dr Thomas Fenech bhala espert oftalmologu biex jezamina lill-attur Darren Sammut u wara li jikkonsidra c-certifikati rilaxxjati minn Dr Richard Soler jiddetermina l-grad ta' dizabilitazzjoni fl-istess konvenut minhabba l-incident in kwistjoni.

Rat in-nota tal-attur tal-11 ta' Gunju 1997 fejn permezz taghha esebixxa l-affidavits ta' l-attur u ta' Jason Borg u xi dokumenti (fol 31 sa 41).

Rat il-verbali tat-13 ta' Gunju 1997, tat-12 ta' Novembru 1997, tas-27 ta' Marzu 1998, tal-15 ta' Gunju 1998, tal-24 ta' Gunju 1998, tat-2 ta' Dicembru 1998 fejn l-espert Oftalmologu prezenti gie awtorizzat li jahlef ir-rapport fir-registru, tal-25 ta' Jannar 1999 fejn l-espert Oftalmologu Thomas Fenech halef ir-rapport.

Rat ir-rapport tal-espert Oftalmologu tal-25 ta' Jannar 1999 a fol 58 tal-process.

Rat in-nota tal-konvenut tal-25 ta' Jannar 1999 a fol 59 tal-process fejn talab li jigu nominati periti perizjuri.

Rat il-verbal tat-12 ta' Marzu 1999 fejn il-Qorti talbet lid-difensuri tal-partijiet jissugerixxu Periti Addizzjonali u l-kawza giet differita ghal dan l-iskop u okkorrendo ghall-provvediment ghat-22 ta' Ottubru 1999.

Rat ir-rikors konguntiv tal-partijiet tat-12 t'Awissu 1999 u d-digriet tal-Qorti tal-20 t'Awissu 1999 fejn ordnat lid-difensur tal-attur biex permezz ta' nota jiddikjara li l-esperti medici proposti lesti jaccettaw l-inkarigu u rriservat li tipprovdi ulterjorment fi stadju iehor.

Rat il-verbal tat-22 t'Ottubru 1999 fejn Dr Ellul informa lill-Qorti li mit-tlett Periti suggeriti wiehed biss iddikjara li lest jaccetta l-inkarigu, cioe` Dr Joseph Briffa.

Rat in-nota ta' Darren Sammut tat-2 ta' Novembru 1999 fejn permezz taghha ddikjara li Dr Albert Bezzina huwa dispost li jaccetta l-inkarigu.

Rat il-verbal tal-24 ta' Novembru 1999 fejn il-Qorti provdiet definittivament fuq ir-rikors tat-12 ta' Awissu 1999 billi laqghet it-talba u nnominat bhala Periti Addizzjonali lill-Dr Joseph Briffa, Dr Albert Bezzina u Dr Franco Mercieca.

Rat il-verbal tas-27 ta' Marzu 2000 fejn deher il-Perit Mediku Dr Joseph Briffa li halef ir-rapport u l-Periti Addizzjonali l-ohra jew awtorizzati li jahilfu r-rapport taghhom fir-Registru tal-Qorti.

Rat ir-rapport tal-Periti Addizzjonali (fol 69 sa 71 tal-process).

Rat il-verbali tad-19 ta' Mejju 2000 fejn din il-kawza bdiet tigi mismuha minn din il-Qorti kif prezentament ippresjeduta, tal-5 t'Ottubru 2000 fejn il-Qorti giet infurmata li r-rapport ghad irid jinhalef minn Dr Franco Bezzina u Dr Mercieca, tal-11 ta' Jannar 2001 fejn xehed Joe Mangion, rapprezentant tal-Enemalta u Dr Ellul iddikjara li m'ghandux aktar provi salv li jipprezenta l-affidvit ta' Edwin Scicluna u f'kaz ta' bzonn li jaghmel xi domandi lill-periti addizzjonali.

Rat in-nota tal-11 ta' Jannar 2001 fejn gie prezentat l-affidavit ta' Edwin Scicluna (fol 92).

Rat il-verbali tat-30 ta' Jannar 2001 fejn Dr Ellul informa lill-Qorti li r-rapport addizzjonali jinsab mahluf a fol 71 tal-process, tat-22 ta' Marzu 2001 u tal-21 ta' Gunju 2001 fejn il-Qorti giet differita ghas-sentenza ghad-29 ta' Novembru 2001 bil-fakolta ta' noti.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

### A. AZZJONI ATTRICI.

Illi din hija kawza dwar incident awtomobilistiku li gara fis-7 ta' Dicembru 1994 f'Bahar ic-Caghaq. Gharghur fejn l-attur li kien passiggier fil-karzozza misjuqa mill-konvenut Reg. No. S –8641, baqa' diehel f'arblu tad-dawl, u ghalhekk l-attur qed jitlob li l-konvenut jigi ddikjarat responsabbli tal-istess incident u danni, u jigi kkundannat ihallas d-danni likwidati lilu, inkluz dawk sofferti minhabba id-dizabilita' permanenti tal-attur kawza tal-istess incident.

Illi l-konvenut qed jikkontesta r-responsabilita' tieghu tal-istess incident, ghaliex qed jaghid li dan is-sinistru sehh minhabba cirkostanzi ghal kollox indipendenti mill-istess konvenut.

### B. APPREZZAMENT TAL-PROVI DWAR L-INCIDENT.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li waqt li l-konvenut kien ghaddej fil-Coast Road, limiti tal-Gharghur, mid-direzzjoni ta' l-i*Splash & Fun Complex* ghad-direzzjoni ta' San Pawl il-Bahar huwa baqa' diehel f'arblu tad-dawl li kien fuq it-*traffic island*, li tqaccat bl-impatt, tant li parti mill-istess arblu

ghaddiet fuq l-istess karozza. Il-karozza ovvjament soffriet hsarat estensivi, u l-attur li kien passiggier fuq quddiem fl-istess karozza soffra wkoll griehi specjament f'wiccu. Dan huwa kkonfermat mix-xhieda ta' P.S. Carmelo Calleja li xehed fil-10 ta' Marzu 1997 (fol.18) u mill-iskizz, okkorenza, u *road accident report* li jinsabu esebiti a fol. 26 sa fol. 29 tal-process.

Illi ix-xhieda ta' **Jason Borg** li kien qed isuq il-vettura Reg. No. FAA 084 u kien beda isuq quddiem l-istess karozza tal-konvenut, ra lill-konvenut jaqbez trakk li kien hemm quddiemu u wara l-istess konvenut tilef il-kontroll tal-vettura tieghu, proprju fil-parti fejn hemm liwja ghan-nizla fl-istess triq, tant li kif jidher ukoll mill-iskizz minn fuq il-karreggiata ta' gewwa inti u sejjer lejn is-Salina, l-konvenut qasam iz-zewg karreggjati ta' dik in-naha u spicca direttament fl-arblu tad-dawl li kien hemm fis-*central strip*, qassmu u spicca fuq in-naha l-ohra tat-triq kif muri fl-istess skizz, bil-konsegwenza wkoll li infaqghet il-*windcreen* li spiccat iktar il-fuq fuq in-naha opposta tat-triq, u x-xhud Edwin Scicluna, li kien passiggier fuq wara fl-istess karozza spicca hareg mill-istess *windscreen.*

Illi skond is-**Surgent P.S. 1483 Carmelo Calleja** li investiga l-incident dan sostna li l-istess konvenut qallu wara l-incident li huwa kien qed isuq l-vettura tieghu bi *speed* ta' 40 u 45 mil fis-siegha, u fl-opinjoni ta' din il-Qorti dan huwa *speed* eccessiv konsidrat il-fatt li l-istess konvenut kien diehel f'liwja, b'mod li l-istess konvenut tilef

kompletament l-kontroll tal-vettura tieghu, bil-konsegwenza li minhabba il-velocita' li kien ghaddej biha, huwa ma setgha jaghmel xejn sabiex jakkwista l-kontroll tal-vettura tieghu lura, anzi jidher li thawwad kompletament u spicca bla kontroll fuq l-istess arblu tat-triq, u ma ikkagunax iktar hsara ghaliex il-Bambin habbu.

Illi jidher mill-provi prodotti u bl-ebda mod ikkontestati mill-konvenut, li l-konvenut kien qed isuq b'mod vera traskurat, stante li kien miexi bi *speed* eccessiv f'parti perikoluza tal-istess triq, u b'kawza t'hekk ma qadx attent sabiex jirregola l-investiment tal-vettura tieghu b'mod ragonevoli u tali li jevita li jkun ta' perikolu ghalih u ghall-terzi persuni li kienu kemm fil-karozza tieghu u kemm fl-istess triq. Illi s-sewqan tal-konvenut jidher li kien addirittura *'recless'*, bla ebda kont kwalunkwe sabiex jiehu hsieb il-persuna tieghu, u dik tal-passiggieri l-ohra fl-istess triq.

Illi f'dawn ic-cirkostanzi jinghad ukoll li huwa l-oneru tal-konvenut li jispjega kif il-karozza tieghu waslet biex spiccat fuq in-naha l-ohra tat-triq, b'mod li jipprova jiggustifika s-sewqan tieghu u jittenta jiskolpa ruhu mir-repsonsabilita' tal-istess incident, tant li l-istess konvenut jidher li fid-dikjarazzjoni tieghu qed jipprova jaghmel dan meta sostna li l-incident gara minhabba cirkostanzi indipendenti minnu, u wara l-incident sostna li huwa kien skiddja.

Illi jinghad ukoll li f'cirkostanzi simili meta karozza tispicca fuq in-naha l-ohra tat-triq partikolarment meta ma tidher li

ma soffriet l-ebda impatt minn vettura ohra bhal dan l-incident awtomobilistiku, dan ikun kaz ta' "*res ipsa loquitur*" fejn huwa allura l-oneru tal-konvenut li permezz tal-provi minnu migjuba jipprova jiggustifika l-azzjoni tieghu. Dan gie tenut fis-sentenzi moghtija minn din il-Qorti fl-ismijiet **"Atlas Insurance Agency Company Limited vs Brian Cilia"** (P.A. (RCP) 16 ta' Jannar 2001 u **"Sultana Brothers Transport Limited vs Christopher Camilleri"** (P.A. (RCP) 2 ta' Ottubru 2001).

Illi l-istess gie determinat fil-kawza **"Middle Sea Insurance p.l.c. vs Jason Scerri"** (P.A. RCP - 7 ta' Dicembru 2000), fejn il-Qorti sostniet li bla esitazzjoni ta' xejn, thoss li dan huwa kaz ta' *"res ipsa loquitur"*, li l-effett taghha huwa li tisposta l-oneru tal-prova u tohloq bhal speci ta' presunzjoni ta' *"prima facie"* li t-tort huwa ta' wiehed u mhux tal-iehor. (**"John Formosa noe vs Joseph Zammit" -** F.G.C. 30 ta' April 1993; **"Charles Tonna vs Joseph Cassar" -** A.C. 14 ta' Mejju 1971; **"Edgar Zahra vs Carmelo Vassallo"** - A.C. 5 ta' April 1971).

Illi f'dan il-kaz ma hemm ebda indizzju ta' prova li jiggustifika l-komportament tal-konvenut u ghaliex spicca fuq in-naha hazina tat-triq, u ghalhekk din il-Qorti ma ghandha ebda dubju li l-konvenut ghandu jinzamm unikament responsabbli ghall-incident in kwistjoni tas-7 ta' Dicembru 1994. Dan anke ghaliex l-istess konvenut mhux biss ma gab ebda gustifikazzjoni kwalunkwe sabiex jiskuza

l-komportament tieghu, izda lanqas biss xehed f'din il-kawza.

Illi jekk wiehed jirreferi ghal dak li qal il-konvenut lis-Surgent li investiga l-istess incident u cjoe' li kien skiddja, apparti li ma jidhirx li l-art kienet b'xi mod imxarrba, din certament li ma tezimi lill-konvenut minn ebda responsabilita' tal-istess incident u dan peress kif intqal fis-sentenza **"Hugh P. Zammit vs Keith Farrugia"** (P.A. (RCP) 28 ta' Gunju 2001):-

*"Dwar l-iskid jinghad, li skond il-gurisprudenza nostrali, tali azzjoni hija ghal kollox newtrali, fis-sens li fiha infisha la tindika responsabbilita' u lanqas nuqqas taghha fir-rigward tas-sewwieq tal-istess vettura, izda sabiex wiehed ikun jista' jattribwixxi r-responsabilita' ghas-sewqan f'kaz ta' skid wiehed irid ihares lejn dawk ic-cirkostanzi kollha li kkawzaw l-istess skid, liema cirkostanzi ovvjament imbaghad jindikaw ir-responsabilita' o meno fis-sewqan tal-persuni involuti.* ***"Alexandra Saliba Sammut vs Joseph Attard"*** *(P.A. RCP. 25 ta' Jannar 2001)".*

Illi hekk ukoll f'dan il-kaz, fejn jidher li l-konvenut skiddja proprju minhabba l-mod eccessiv u traskurat li huwa kien qed isuq il-vettura tieghu, b'mod li lanqas biss kellu rispett ghas-sahha tal-passigieri li kienu fil-karozza tieghu, u kien qed isuq b'mod perikoluz ghall-utenti kollha tal-istess triq u ghalih innifsu.

Illi ghalhekk f'dawn ic-cirkostanzi l-konvenut, minhabba l-attegjament tieghu, u minhabba wkoll nuqqas ta' provi da parte tieghu sabiex jiggustifika l-azzjoni tieghu, ghandu jinzamm unikament responsabbli ghall-incident *de quo* stante li jirrizulta li kien qed isuq bi *speed* eccessiv, b'mod traskurat, u wkoll b'negligenza kbira, u ghalhekk huwa kien il-kawza prossima tal-incident in kwistjoni u wkoll ghalhekk responsabbli ghad-danni kollha konsegwenzjali kkagunati lill-konvenut.

## C. Likwidazzjoni ta' Danni.

Illi jirrizulta li l-istess attur kellu sbatax (17) il-sena meta sehh l-incident u tenut kont tal-**artikolu 1045 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta,** li jipprovdi li:-

*"Persuna responsabbli ghandha twiegeb (*inter alia) *ghat-telf ta' qliegh li tbati 'l quddiem minhabba inkapacita' ghal dejjem, totali jew parzjali, li dak l-ghemil seta' jgib".*

Illi f**l-artikolu 1045 (2)** tali "*somma li ghandha tigi moghtija ghal din l-inkapacita' tigi stabbilita mill-Qorti, wara li tqis ic-cirkostanzi tal-kaz, u b'mod partikolari, x-xorta u il-grad ta' inkapacita' ikkagunata, u l-kundizzjoni tal-parti li tbati l-hsara".*

Illi tali regoli gew supplimentati bil-principji stabbiliti fil-kawza **"Michael Butler vs Peter Christopher Heard"**

(A.C 22 ta' Dicembru 1967) li pero' giet aggustata ghaz-zminijiet aktar ricenti peress li kif intqal fil-kawza **"Salvatore Mifsud vs Carlo Camilleri et"** (A.C. 16 ta' Novembru 1983) fejn intqal li:-

*"ic-cirkostanzi tal-hajja anke fil-Gzira taghna nbidlu konsiderevolment u l-ammonti qeghdin isiru fuq kriterji ferm differenti minn dawk li kienu jsiru ghaxar snin jew ghoxrin sena ilu".*

Hekk per ezempju ghar-rigward tal-*multiplier* applikat ghall-kuncett tal-*working life expectancy of the victim* fejn qabel ic-*ceiling* qatt ma eccedda l-20 sena, pero' llum bis-sentenza **"Mary Bugeja nomine et vs George Agius nomine"** (A.C. 26 ta' Lulju 1991) is-sitwazzjoni tbiddlet sostanzjalment ghaliex l-istess Onorabbli Qorti rrikonoxxiet illi ghalkemm is-sistema stabbilita f'**Butler vs Heard** hija dik l-iktar addatta, sakemm tinstab sistema ohra ta' komputazzjoni ohra aktar gusta, pero' dan ma jfissirx illi "*Il-Qorti ghandha jew tista' tikkonsidra ruhha marbuta rigorozament ma' applikazzjoni tas-sistema msemmija li jorbtilha idejha li dejjem u f'kull kaz ghandha tapplika multiplier li f'certi cirkostanzi evidentement ikun iwassal ghall-likwidazzjoni irreali jekk mhux addirittura ngusti. Fil-fehma konsiderata taghha, sistema, tkun liema tkun, hija tajba purche' thalli f'idejn il-gudikant dak il-margni ta' diskrezzjoni li hu jhoss li konformament ma' l-aspetti partikolari ta' kull kaz hu necessarju sabiex issir gustizzja".*

Illi dan gie segwit bis-sentenza **"Vincent Axisa vs Alfred Fenech et"** (P. A. 16 ta' April 1991) fejn il-Qorti sostniet illi *"din il-Qorti hija tal-fehma li ma ghandiex tkun marbuta ma decizjonijiet li jillimitaw il-life expectancy sa massimu ta' ghoxrin sena",* u tali principju gie konsistentement segwit u zvillupat mill-gurisprudenza nostrali tenut kont dejjem tac-cirkostanzi kollha tal-kaz in partikolari, u inkluz *'changes and chances'* tal-hajja b'dan li l-Qorti ma ghandha tkun qatt marbuta ma "*xi massimu gia stabbilit sallum li, fl-ahhar mill-ahhar, huwa dejjem arbitarju w opinistiku".* (**"Karen Zimelli vs Michael Sammut"** - P.A.).

Illi din it-tendenza giet segwita f'diversi sentenzi fosthom **"Jacqueline Cassar vs Joseph Buhagiar et"** (P.A. 1.3.1992); **"Duncan Vassallo vs Khalid Schwej"** (P.A. 8 ta' Marzu 1996); **"Robert Barbara vs Saviour Galea"** (P.A.11 ta' Ottubru 1996); **"Susan Davies vs Anthony Galea** (P.A. 10 ta' Ottubru 1997); **"Joseph Attard vs Carmelo D'Amato** (P.A. N.A. 5 ta' Ottubru 1999); **"George Gatt vs Francis E. Carbone"** (App. 7 ta' Lulju 1998); **"Anthony Turner et vs Francis Agius et"** (G.C.D. 17 ta' Frar 1998); **"Arthur Bonello nomine vs James Camilleri et"** (J.S.P. 13 ta' Jannar 1998"), fejn ghalhekk il-*multiplier* gie aggustat sabiex jirrifletti r-realta' odjerna, u aspettattiva iktar ekwa u konformi mal-gustizzja effettiva.

Illi fil-fatt din it-tendenza, alimentata mill-animu sabiex id-danneggjat ikun verament u realment ikkumpensat tad-danni li soffra, u dan apparti l-kuncett ta' *"pain and*

*suffering”,* giet mehuda ukoll oltre f’certi pronunzjamenti mill-Qrati taghna, fosthom **“Mary Bugeja vs George Agius”** (P.A. J.H. 12 ta’ Jannar 1987) li sostniet illi:-

*“l-Qrati fil-pronincjamenti taghhom dwar il-kriterji li ghandhom jintuzaw biex jippruvaw jaghmlu tajjeb ghall-incertezzi li l-likwidazzjoni ta’ danni f’kazijiet simili, dejjem jaghtu lok ghalihom li qatt ma jirrinunzjaw ghall-fakolta’ diskrezzjonali taghhom … … …. Dik l-Onorabbli Qorti ppronunzjat ruhha li taqbel li ghandu jkun hemm certa elasticita` ta’ kriterju ghaliex il-pronunzjament huwa wiehed ta’ probabilita’. Id-danneggjat jinghata somma kapitali darba wahda biss li meta tinghata b’sentenza mhiex aktar soggetta ghall-ebda revizzjoni. Ghalhekk din is-somma kapitali trid tkun tikkorrispondi kemm jista’ jkun mar-realta’”.*

Illi fil-fatt din ghandha tkun il-mira ta’ kull evalwazzjoni u kalkolazzjoni ta’ danni. Din l-istess vina giet segwita fil-kawzi **“Emanuel Agius vs Joseph Galea et nomine”** (K.G.M.B. 11 ta’ Lulju 1989) u **“Mario Camilleri vs Mario Borg et nomine”** (G.M.B.) fejn inghad illi *“L-Gustizzja li taf il-Qorti hija dik li fil-limiti tar-realta’ u kemm huwa possibbli, terga tpoggi l-vittma, ta’ kwalsiasi att ingust, fl-istat li kienet qabel … … Huwa ngust li f’dawn il-kazijiet, u fejn ir-restituzzjoni fizika tal-gisem u s-sahha tal-vittma ta’ l-att illegali w ingust ta’ haddiehor m’huwix possibbli, ma tassikurax kemm tista’ jkun kompensazzjoni adegwata. Altru milli imprevist. L-ezercizzju huwa fuq ir-realta’ sakemm hija prevedibbli a bazi ta’ statistika u induzzjoni”.*

Illi aktar jidher car li a bazi tal-ligi taghna, il-kwantifikazzjoni tad-danni hija f'latitudini wiesgha imhollija fid-diskrezzjoni tal-Qorti, tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, u ghalkemm certi principji ghandhom jezistu, u fil-fatt jezistu ghas-soluzzjoni tal-istess, dawn certament ma humiex assoluti, u l-Qorti zgur li ma hijiex obbligata li tapplika l-istess, specjalment meta ir-rizultat tal-applikazzjoni taghhom ma jwassalx ghall-kumpens reali u adegwat.

Illi l-attur allega li kawza tal-incident huwa sofra sfregju f'wiccu konsistenti fi *scar* li tibda minn ghajnu l-leminija l-isfel, u hsara irreparabbi fil-kanal tad-dmugh ta' ghajnejgh il-leminija skond certifikat mahrug mill-Professur Richard Soler datat 28 ta' Marzu 1995, bil-konsegwenza li ghajnejgh tihmar u jkollu hafna hruq fiha, apparti li sofra daqqa fuq l-abjad ta' ghajnejh li skond il-Professur Richard Soler, il-quddiem jista' jitlef d-dawl minnha, kif certifikat fit-8 ta' Frar 1995.

Illi l-espert mediku Dr. Thomas Fenech fir-rapport tieghu datat 7 ta' Dicembru 1998 a fol. 58 tal-process irrelata li l-istess attur ghandu *"extensive facial scar measuring 4.5 inches across the right cheek with also scarring of the right lower eyelid. He also has a disorganised right punctum with blockadge of the naso-lacrimal duct system and as a result he has a right persistent and permanent epiphoria (watering eye). The facial scars have resulted in a permanent and unsightly disfigurement".*

Illi l-istess perit mediku kompla jghid illi:-

*"The persistent epipohoria has resulted in a small degree of visula disturbance, however his right and left visual acuity is still full at 6/6 in each eye. I confirm the presence of a right nasal chorioretinal scar and also an area of scleral dehiscence just anterior to the insertion of the madial rectus muscle which can also be seen by the naked eye, this at present is not causing any problems but because of his weakness Mr. Sammut is at increased risk of developing a retinal detachment later on in life".*

Illi l-istess perit mediku ikkonkluda li:-

*"I would rate Mr. Sammut' percentage disability at 25% with the following breakdown:*

1. *Facial disfigurment – 12%.*
2. *Disruption of nasolacrimal system on the right side – 8%.*
3. *Permanent sceral weakness as a result of dehinscence – 5%".*

Illi b'rapport tal-perit perizjuri Dr. A. Bezzina MD Dip. Spec. Oftal, Dr. J.E. Briffa MD FRCSEd, FICS, u Dr. F. Mercieca MD FRCOphth datat 28 ta' Frar 2000, l-istess periti medici sabu li l-istess attur soffra dizabilita' permanenti ta' 18%

ibbazati fuq is-segwenti u r-risultanzi tal-istess rapport li jinsab esebit a fol. 72 u 73 tal-process u cjoe':-

1. *Scars and loss of eyelashes right upper eyelid. – 1%.*
2. *Inability to close right eye completely - 1%.*
3. *Scar right medial canthus to right cheek. - 5%.*
4. *Impaired sensation right cheek. - 1%*
5. *Ocular disability - 10%.*

*Total Permanent Disability. - 18%.*

Illi abbazi tal-premess jidher li l-istess attur soffra dizabilita' permanenti ta' 18%, kif irrelataw l-istess periti perizjuri u li ma gewx ikkontestati mill-istess partijiet.

Illi l-attur jirrizulta li kien apprentist mal-Enemalta meta sar l-incident, u kien ghadda mil-ezamijiet ghall-*Higher Technician Diploma in Mechanical Engineering,* kien ghadda mill-*Final Test* skond certifikat tal-*Employment & Training Corporation* u kien jista' jippratika bhala *Mechanical Engineering Technician.*

Illi mis-6 ta' Jannar 1997 beda jahdem ta' *Tecnician I* bil-paga ta' Lm3,479 b'zieda ta' Lm92 fis-sena. Illi fil-fatt jidher li bhala apprendist fin-1994 kellu paga gross ta' Lm1,339.44; fin-1995 kellu Lm1,503.45; fin-1996 kellu Lm1,208.91; fin-1997 kellu Lm3,845.56; fin-1998 kellu

Lm4026.32; u fin-1999 kellu Lm4,213.50. u din kellha titla' ghall-Lm4,327 fis-sena 2000.

Illi meta wiehed jikkonsidra l-logorju kontinwu tal-flus fuq il-pagament annwali, liema ammont se jibqa' kif stabbilit fid-data ta' din is-sentenza, u wkoll l-istaticita', fl-ammont minghajr ebda assunzjoni ulterjuri ta' zidiet possibbli, apparti iz-zidiet tal-gholi tal-hajja **"Elvira Abela vs Onor. Prim Ministru et"** (A.C. 30 TA' Dicembru 1994) u meta wiehed jikkonsidra *increments* ohra li l-istess attur ser igawdi minnhom, din il-Qorti sejra tahdem fuq il-paga annwali ta' Lm4,500 fis-sena tenut kont tal-eta' zghira tal-attur u l-effett li dan l-incident jista' jkollu fuq il-promozzjonijiet tieghu u dan anke fuq il-principju affermat fis-sentenza **"Joseph Attard vs Carmelo D'Amato"** (P.A. (NA) 5 ta' Ottubru 1999) fejn segwiet dak li intqal fis-sentenzi tal-istess Onorabbli Qorti fl-ismijiet **"Salamo et vs Attard"** (P.A. (NA) 23 ta' Jannar 1996) u **"Davies et vs Galea"** (P.A. (NA) 10 ta' Ottubru 1997) u cjoe' li:-

*"Il-maggior parti tas-sentenzi taghna invece jistriehu biss fuq il-fatt ta' dizabbilita' minghajr ma jsir ezami profond jekk dik id-dizabbilita` hijiex verament sejra tikkaguna telf futur".*

*"Din is-sistema ma hijiiex l-ahjar wahda pero` hija l-unika wahda acettabbli sakemm ma jinholoqx makkinarju fejn dawn il-materji ma jinghalqu qatt u allura, bhal fil-kaz ta' alimenti, dritt stabbilit ikun jista' jigi varjat minn zmien ghal zmien skond ic-cirkostanzi"*

*"Illi ma hemmx dubju li mill-lat ta' ekwita' pura din is-sistema hija preferibbli. Jekk rizultat dirett ta' incident id-danni rizultanti minkejja li jikkawzaw biss dizabbilita' marginali f'individwu, b'konsegwenza taghhom jisfa bla xoghol, allura l-kumpens tieghu ghandu jkun ferm akbar minn dak b'dizabbilita' akbar jipprocedixxi b'certu mod fil-hajja".*

Illi bbazat fuq l-eta` ta' 18-il sena, l-attur ghandu hajja lavorativa ta' 44 sena u ghalhekk mahduma din fuq introjtu ta' Lm4,500 u b'dizabbilita' permanenti ta' 18% jirrizulta din is-somma:-

Lm4,500 x 44 x 18% = Lm35,640.

Illi fuq l-iskorta tas-sentenzi **"Angelo Galea vs Joseph D'Agistino et"** (P.A. (JSP) 16 ta' Dicembru 1996) u **"Olga Busuttil et vs Raymond Muscat"** (P.A. (GCD) 6 ta' Gunju 1997) u **"Arthur Bonello nomine et vs James Camilleri et"** (P.A. (JSP) 13 ta' Jannar 1998) la darba ghaddew kwazi sitt (6) snin mid-data tal-incident it-tnaqqis ghall-*lump sum payment* ma ghandux ikun ta' iktar minn 6% b'dan ghalhekk li l-ammont fuq indikat ghandu jinzel b'Lm2,138.40 ghall-Lm33,501.60.

Illi minbarra dan ghandha tinghata wkoll lill-konvenut is-somma ta' Lm780 rappresentanti xoghol *part time* li l-attur ma setghax jaghmel ghall-sena wara l-incident minhabba l-

kura li kien jiehu, peress li kien jahdem fin-*Nicholson's Supermarket* kull nhar ta' Sibt, u maghdud dan l-ammont mas-somma ta' Lm33,501.60 jwassal ghas-somma ta' Lm34,281.60 bhala danni likwidati li soffra l-istess attur kawza tal-incident *de quo.*

## III. KONKLUZZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, **tilqa' t-talbiet attrici** b'dan illi:-

1. Tiddikjara lill-konvenut responsabbli ghall-incident awtomobilistiku li sehh fis-7 ta' Dicembru, 1994 ghall-habta tas-1p.m. fil-kosta ta' Bahar ic-Caghaq, limiti tal-Gharghur;

2. Tiddikjara illi b'rizultat tal-istess incident l-attur sofra danni rizultanti minn lezjonijiet personali ta' natura gravi u permanenti;

3. Tillikwida d-danni kollha soferti mill-attur fl-ammont ta' erbgha u tlettin elf, mitejn u wiehed u tmenin lira Maltija u sittin centezmu (Lm34,281.60); u

4. Tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attur id-danni kollha hekk likwidati fl-ammont ta' erbgha u tlettin elf, mitejn u wiehed u tmenin lira Maltija u sittin centezmu (Lm34,281.60);

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficcjali tat-2 ta' Frar, 1996, u bl-imghax legali mid-data tas-sentenza sal-effettiv pagament kontra l-konvenut.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**29 ta' Novembru, 2001.**

**Josette Demicoli.**
**Deputat Registratur.**
**29 ta' Novembru, 2001.**